



BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

fit-2 ta' Marzu, 2006

**dwar rakkomandazzjoni mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja
dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew**

(CON/2006/14)

1. B'ittra tal-15 ta' Frar, 2006, il-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja talbet lill-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) biex jagħti l-opinjoni tiegħu dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2006/108/KE ta' l-14 ta' Frar, 2006, dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew¹.
2. Ir-rakkomandazzjoni msemmija hawn fuq li, wara l-konsultazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE u l-Parlament Ewropew, se tiġi ppreżentata għal deċiżjoni lill-Kapijiet ta' l-iStat jew tal-Gvern ta' l-Istati Membri li adottaw il-euro, tirrikkmanda li s-Sur Jürgen Stark jinħatar membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għal mandat ta' tmien snin b'effett mill-1 ta' Ġunju, 2006.
3. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE huwa ta' l-opinjoni li l-kandidat propost huwa persuna ta' ċertu awtorita` u esperjenza professjonali f'kwistjonijiet monetarji u bankarji, kif mitlub mill-Artikolu 112(2)(b) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunita` Ewropeja.
4. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE m' għandu l-ebda oġġezzjoni għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra tal-kandidat propost bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.
5. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE addotta din l-opinjoni skond l-Artikolu 112(2)(b) tat-Trattat u l-Artikolu 11.2 u l-Artikolu 43.3 ta' l-iStatut tas-Sistema Ewropeja tal-Bank Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fit-2 ta' Marzu, 2006.

[iffirmat]

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

¹ ĠU L 47, 17.2.2006, pġ. 58.